MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 1673/2004

**SMS Insurance Agency Limited C5645 ghan-nom ta' Ecclesiastical Insurance Office plc ta' l-Ingilterra, kif surrogata fil-jeddijiet ta' Martin Vella u l-istess Martin Vella (I.D. 732360M)**

**Vs**

**Saviour Busuttil (I.D. 456665M)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm316.98c) rapprezentanti danni subiti mill-atturi wara l-incident stradali tal-24 ta' Gunju, 2002 gewwa Zabbar meta l-konvenut waqt li kien qed isuq vettura FBM 926 habat ma' vettura MUM 671 proprjeta' ta' l-attur Martin Vella, ghal liema ncident jahti unikament l-istess konvenut.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report*.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 t'April, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant jilqa' t-talba attrici, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundannah biex ihallas lill-atturi l-ammont ta' tlett mija u sittax-il lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm316.98c) bl-ispejjez u bl-imghax mis-17 ta' Frar, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------